# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza l-24 ta' Mejju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 363/2021 CL

**Sado Company Limited** (C 4168)

**VERSUS**

**Easi Bind (Mediterranean) Limited** (C 3407)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-29 ta' Dicembru 2021, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jordna lill-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u wiehed u tletin euro tlettin centezmu (€2,931.30) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tas-6 ta' Novembru 2018, li hija d-data tal-ahhar invoice u bl-ispejjes ta' dawn il-proceduru kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni. Illi r-rikorrenti kien iggestixxa servizzi lis-socjeta konvenuta u ghalhekk hargu invoices skond is-*Statement Of Account* anness u mmarkat Dok A. Illi minkejja li s-socjeta konvenuta kienet konsapevoli ta' debitu u dan in vista tal-fatt li gew interpellati diversi drabi sabiex jhalsi l-ammont ta' €3,181.30 fosthom b'ittra bl-avukat datat 26 Marzu 2019 Dok B baqghet inadempjenti. Illi saru diversi tentattivi ulterjuri sabiex jsir dan il-hlas fosthom laqgha gewwa l-ufficju tar-rikorrenti fejn Tania Borg li hija l-mara tal-mejjet Donald Borg, li kien l-azzjonista u direttur tas-socjeta konvenuta halset €250 akkont tal-bilanc bl-intiza li jibdew jsiru pagamenti regolari sabiex eventwalment jithallas l-ammont kollu. Illi ma saru ebda pagamenti ulterjuri u ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex il-bilanc pendenti ta' €2,931.30 jithallas.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet notifikata, izda la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta attriciipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut fit-22 ta' Marzu 2023, izda fis-seduta tas-17 ta' April 2023,is-socjeta konvenuta ma dehritx, minkejja li kien msejjah ghas-subizzjoni . Xehed Edward Borg

li huwa d-direttur tas-socjeta attrici, li kienu jbieghu prodotti lis-socjeta Easi Bind u kellu fattura li jibdew mill-2016. Hu ipprezenta statement li gie mmarkat Dok EB1 li fih invoices tal-prodotti li inxtraw minghandhom li jammontaw ghal aktar minn €3000, li kien intbghat lis-socjeta konvenuta b emejl. Hu kien jikkomunika mas-socjeta konvenuta permess ta' e mejl, telefonata jew messaggi u fil-fatt kien qieghed jipprezenta kommunikazzjomi bejn il-partijiet mmarkat Dok EB2 li giet seqwita b'ittra b'avukat. Kienu marru l-ufficju taghhom u ghamlu pagament wiehed ta' €250 u kellhom jkomplu jaghmlu pagamenti izda dawn ma sarux u l-ammont pendenti kien ta' €2,931.30. l-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u sema' x-xhieda u ra li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni flimkien mal-provi mresqa, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn, disa' mija u wiehed u tletin euro u tlettin centezmu (€2,931.30), bl-imghaxijiet mids-6 ta' Novembru 2018 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**